

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/435

tat-28 ta' Frar 2017

fuq il-konklużjoni tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Frar 2009, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ innegozjat fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, bil-ħsieb li temenda, għat-tieni darba, il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽²⁾, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽³⁾, ("il-Ftehim ta' Cotonou").
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2010/648/UE ⁽⁴⁾, il-Ftehim li jemenda għat-tieni darba il-Ftehim ta' Cotonou ("il-Ftehim") ġie iffirmit mill-Partijiet fit-22 ta' Ġunju 2010, fil-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE li sar f'Ouagadougou, bil-kundizzjoni li jiġi konkluż f'data aktar tard.
- (3) F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 2/2010 tal-Kunsill tal-Ministri tal-AKP-UE ⁽⁵⁾, il-Ftehim kien applikat provviżorjament mill-31 ta' Ottubru 2010.
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif l-ewwel emendat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽⁶⁾, huwa hawnhekk approvat fisem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna(i) li jkollha s-setgħa li tipproċedi, fisem l-Unjoni, billi tiddepożita l-istrument ta' approvazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 93 tal-Ftehim ta' Cotonou, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li bih se tkun ser tintrabat.

⁽¹⁾ ĠU C 65, 19.2.2016, p. 257.

⁽²⁾ ĠUL 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽³⁾ ĠUL 209, 11.8.2005, p. 27.

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/648/UE tal-14 ta' Mejju 2010 dwar l-iffirmit, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħawha, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠUL 287, 4.11.2010, p. 1).

⁽⁵⁾ Deċiżjoni Nru 2/2010 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tal-21 ta' Ġunju 2010 dwar miżuri tranżitorji applikabbli mid-data tal-iffirmit sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠUL 287, 4.11.2010, p. 68).

⁽⁶⁾ Il-Ftehim, flimkien mad-dikjarazzjonijiet mehmuża mal-Att Finali, ġew ippublikati fil-ĠUL 287, 4.11.2010, p. 3.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha. Għandha tkun ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

J. HERRERA
